Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp

2025/2050(INI)

18.3.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-istrateġija tal-UE biex jiġu ffaċċjati t-teoriji ġodda kontra d-demokrazija
(2025/2050(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marco Tarquinio

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 9, 10, 11 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,	– wara li kkunsidra l-Artikoli 2***, 3***, 9, 10, 11 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala objettiv ewlieni tal-Unjoni u jnaqqax il-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta'

Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009[1a],

[1a] ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024" (JOIN(2020)0005), u l-fatt li dan il-pjan ta' azzjoni ġie estiż sal-2027,

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" (JOIN(2021)0030),

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III – Aġenda Ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017),

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Ottubru 2022 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ (YAP) fl-Azzjoni Esterna tal-UE għall-2022-2027 – Nippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ u l-awtonomizzazzjoni tagħhom fl-azzjoni esterna tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza u l-paċi" (JOIN(2022)0053),

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025)0097),

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-2 ta' Ottubru 2024 intitolata "Nibnu sħubijiet internazzjonali sostenibbli bħala Tim Ewropa" (JOIN(2024)0025) u dik tat-3 ta' Diċembru 2025 intitolata "Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE" (JOIN(2025)0977),

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-30 ta' Ġunju 2017 mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni bit-titolu "Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp – "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna"",

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 3i(ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin li ġew adottati fl-24 ta' Ġunju 2013,

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3j(ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2017 dwar l-involviment tal-UE mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni,

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar id-demokrazija,

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-persekuzzjoni tal-minoranzi minħabba t-twemmin jew ir-reliġjon[1a],
	[1a] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 33.

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-effettività, ir-responsabbiltà u l-valur għall-flus tal-infiq tal-UE għall-iżvilupp,

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ***li tistabbilixxi l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali bħala wieħed mis-sitt korpi ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti***,	– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), adottata f'Settembru 2015,

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi dwar kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva, inklużi s-sjieda tal-pajjiżi sħab, ir-responsabbiltà u enfasi fuq riżultati sostenibbli,

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma valuri

fundamentali tal-Unjoni u prinċipji gwida tal-azzjoni esterna tagħha, kif stabbilit fl-Artikoli 2 u 21 tat-TUE;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi d-demokrazija qed tiġi dejjem aktar sfidata fil-livelli nazzjonali u internazzjonali; billi n-narrattivi u l-ideoloġiji kontra d-demokrazija qed jiġu mifruxa fir-reġjuni kollha tad-dinja, mhux biss minn reġimi awtoritarji iżda wkoll f'xi demokraziji avvanzati, u dan iqajjem tħassib dwar ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-ġustizzja u l-istabbiltà internazzjonali;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi d-dritt internazzjonali, li jirfed l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli u l-multilateraliżmu, jinsab attakkat u qed jiġi mminat dejjem aktar minn reġimi awtoritarji u minn rigress demokratiku; billi l-istituzzjonijiet internazzjonali, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti u l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), li huma essenzjali għad-difiża tal-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-paċi internazzjonali, is-sigurtà u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-eżerċizzju responsabbli tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni huwa essenzjali għal demokraziji vibranti u reżiljenti, peress li jippermetti parteċipazzjoni inklużiva, responsabbiltà soċjali u eżiti ta' żvilupp sostenibbli;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***d-demokrazija tinsab fil-periklu*** u ***l-aktar mod sikur biex din tiġi difiża huwa li jiżdiedu l-influwenza*** u ***l-prestiġju tal-Unjoni Ewropea billi dan il-pilastru tal-istat tad-dritt isir waħda mit-tliet potenzi ewlenin ta' dan is-seklu***;	C. billi ***ż-żieda fil-kunflitti armati, fl-awtoritarjaniżmu, fir-rigress demokratiku madwar id-dinja, fl-erożjoni persistenti tad-drittijiet tal-bniedem, fit-tixrid tad-diżinformazzjoni*** u ***fl-użu malizzjuż ta' teknoloġiji li qed jevolvu b'pass mgħaġġel jissottolinjaw il-ħtieġa għal azzjoni esterna tal-UE aktar b'saħħitha, aktar determinata, effettiva, koerenti*** u ***bbażata fuq il-valuri, imsejsa fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, id-demokrazija, il-libertà, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja soċjali u l-multilateraliżmu effettiv***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027 jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni kkoordinata mill-UE u mill-Istati Membri

tagħha biex jiġu protetti l-individwi u jingħataw is-setgħa, jinbnew soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi, jissaħħaħ il-multilateraliżmu u jiġi promoss l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU fil-qalba tagħha, filwaqt li jiġu sfruttati l-opportunitajiet u jiġu indirizzati l-isfidi maħluqa minn teknoloġiji ġodda;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-implimentazzjoni effettiva tal-SDG 16 dwar il-promozzjoni tal-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom hija mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli u r-reżiljenza demokratika fil-pajjiżi sħab; billi l-appoġġ għar-riformi istituzzjonali, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-trawwim ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet inklużivi, parteċipattivi u mhux diskriminatorji huma komponenti ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u s-sħubijiet tal-UE;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-kredibbiltà u l-effettività tal-appoġġ tal-Unjoni għad-demokrazija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu fuq objettivi ċari, riżultati li jistgħu jitkejlu u trasparenza fl-użu tal-għajnuna għall-iżvilupp, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika kemm fil-pajjiżi sħab kif ukoll fi

ħdan l-Unjoni;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi l-kuntest globali li qed jinbidel, b'mod partikolari t-tnaqqis sinifikanti fl-għajnuna barranija tal-Istati Uniti, kif ukoll it-tnaqqis fl-għajnuna għall-iżvilupp minn xi Stati Membri tal-UE, kellhom impatt sinifikanti fuq il-programmi ta' appoġġ għad-demokrazija f'pajjiżi sħab, u ħallew lill-atturi demokratiċi bi protezzjoni mnaqqsa u kapaċità limitata biex jiddefendu d-demokrazija;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ce. billi l-edukazzjoni hija lieva għall-progress u hija essenzjali għad-demokrazija u għall-parteċipazzjoni ċivika; billi għandha rwol kruċjali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, tingħata spinta lill-potenzjal uman u jissawwar futur aktar ekwu u sostenibbli; billi l-ispazju dejjem jiċkien għal-libertà akkademika huwa intrinsikament marbut mal-espansjoni globali tal-awtoritarjaniżmu;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cf. billi l-governanza responsabbli, l-istat tad-dritt, inkluża ġudikatura indipendenti u imparzjali, u ġestjoni finanzjarja pubblika tajba huma elementi ewlenin tar-reżiljenza demokratika u soċjali u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva; billi l-korruzzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont fl-amministrazzjoni pubblika jimminaw il-leġittimità demokratika, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u s-sostenibbiltà tal-eżiti tal-iżvilupp;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cg. billi l-leġittimità demokratika tissaħħaħ meta ċ-ċittadini jesperjenzaw titjib tanġibbli fil-kundizzjonijiet tal-għajxien, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għall-infrastruttura u għall-opportunitajiet ekonomiċi, u din tirriżulta minn politiki pubbliċi trasparenti, inklużivi u reattivi; billi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha rwol ewlieni biex tippermetti tali eżiti fil-pajjiżi sħab;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ch (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ch. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma pilastru essenzjali ta' kwalunkwe demokrazija u huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex

	jiġu appoġġjati d-demokrazija u l-iżvilupp fil-pajjiżi sħab; billi l-ispazju għas-soċjetà ċivili qed jiċkien globalment fost rigress usa' awtoritarju u kontra d-demokrazija;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ci (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ci. billi aktar minn 600 difensur tad-drittijiet tal-bniedem ġew maqtula jew sfaw vittmi ta' għajbien furzat fl-2024[1a];
	[1a] L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, "Human Rights Count – Delivering insights with UN Human Rights data" (Id-drittijiet tal-bniedem jgħoddu – Preżentazzjoni ta' informazzjoni abbażi ta' data min-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem), Ġunju 2025.

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cj. billi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-bennejja tal-paċi jiffaċċjaw riskju akbar ta' rappreżalji u attakki għall-ħidma kritika tagħhom fuq id-demokrazija, il-paċi u l-istabbiltà; billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa huma partikolarment fil-mira ta' narrattivi kontra l-ġeneru u tnaqqis fil-finanzjament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'madwar nofs dawk li joperaw f'kuntesti fraġli f'riskju li jingħalqu minħabba restrizzjonijiet ta' finanzjament[1a];

[1a] UN Women, "At a breaking point: The impact of foreign aid cuts on women's organizations in humanitarian crises worldwide" (F'punt kritiku: l-impatt tat-tnaqqis fl-għajnuna barranija fuq l-organizzazzjonijiet tan-nisa fi kriżijiet umanitarji madwar id-dinja), 2025.

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ck (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ck. billi l-istrateġija Global Gateway għandha l-għan li lill-pajjiżi sħab toffrilhom alternattiva trasparenti, ta' kwalità għolja u bbażata fuq il-valuri, li sservi bħala lieva biex jiġu promossi l-governanza tajba, l-istandards demokratiċi u l-istat tad-dritt, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' influwenza awtoritarja; billi sehem sinifikanti tal-proġetti reċenti tal-Global Gateway ġie implimentat f'reġimi fraġli, ibridi jew awtoritarji u f'kuntesti mhux demokratiċi, u dan iqajjem tħassib dwar l-applikazzjoni effettiva ta' dawn il-prinċipji;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C1 (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cl. billi l-investiment privat responsabbli, appoġġjat minn oqfsa regolatorji prevedibbli, rispett għall-istat tad-dritt u sorveljanza pubblika effettiva, jista' jikkontribwixxi għall-istabbiltà demokratika billi jrawwem it-tkabbir inklużiv, il-ħolqien tal-impjiegi u reżiljenza soċjoekonomika usa' fil-pajjiżi sħab;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cm (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cm. billi l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (MOE) tal-UE għandhom rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-proċessi demokratiċi fil-pajjiżi sħab billi jipprovdu valutazzjonijiet indipendenti, imparzjali u komprensivi tal-oqfsa elettorali u tal-implimentazzjoni tagħhom; billi dawn il-missjonijiet itejbu t-trasparenza, il-fiduċja pubblika, il-koeżjoni soċjali u l-obbligu ta' rendikont matul iċ-ċiklu elettorali kollu, inkluż il-perjodu ta' wara l-elezzjoni; billi jappoġġjaw lill-partijiet ikkonċernati lokali fl-avvanz ta' riformi li jippromwovu elezzjonijiet ħielsa, ġusti, inklużivi u kredibbli; billi segwitu effettiv għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE huwa essenzjali biex jiġu kkonsolidati l-governanza demokratika, l-istat tad-dritt u r-rispett għal-libertajiet fundamentali;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cn (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cn. billi s-sistemi demokratiċi fil-pajjiżi sħab jiddependu mhux biss mill-proċessi elettorali iżda wkoll mill-kapaċità tal-istituzzjonijiet pubbliċi li jipprovdu servizzi bażiċi, jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt u jiġġestixxu r-riżorsi pubbliċi b'mod trasparenti u responsabbli; billi l-kapaċità istituzzjonali dgħajfa u l-governanza fqira jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċessi demokratiċi u fl-awtoritajiet pubbliċi;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden ***lill-UE*** tilqa' ***din l-isfida storika*** billi ***tipprovdi ruħha bil-mezzi biex testendi l-influwenza tagħha f'kontinenti oħra***, ***tamplifika r-rankijiet tagħha***, ***tfiehem aħjar l-istituzzjonijiet tagħha lill-bqija tad-dinja kif ukoll liċ-ċittadini tagħha stess, tiżviluppa r-relazzjonijiet*** kummerċjali ***tagħha*** mal-pajjiżi tal-Asja, tal-Afrika u tal-Amerka Latina ***abbażi tal-iżvilupp sostenibbli***, ***tinvesti fir-riċerka u taċċelera l-perkors tagħha lejn difiża komuni*** u ***l-konsolidazzjoni tal-ġganti industrijali ta' portata globali***;	1. Jistieden ***lill-Unjoni Ewropea*** tilqa' ***l-isfidi storiċi attwali*** billi ***tasserixxi r-rwol tagħha bħala difensur ewlieni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tal-ugwaljanza u tal-multilateraliżmu permezz tal-eżerċizzju ta' tmexxija globali b'saħħitha u bbażata fuq il-valuri***, ***u billi tadotta approċċ estern aktar assertiv u kkoordinat***, ***f'konformità sħiħa mal-obbligu legali tal-UE li tiżgura l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati relazzjonijiet*** kummerċjali ***u diplomatiċi sostenibbli*** mal-pajjiżi tal-Asja, tal-Afrika u tal-Amerka Latina***, biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-għajnuna għall-iżvilupp***, ***b'mod partikolari għall-pajjiżi fraġli, biex isir investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni,*** u ***biex jitħaffef il-progress lejn paċi u sigurtà sostenibbli***;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha ***jaħdmu favur il-ħolqien ta' grupp ta' pajjiżi li jiċħdu kwalunkwe relazzjoni inugwali maċ-Ċina***, ***mal-Istati Uniti jew mat-tnejn li huma; iqis li dan jistabbilixxi relazzjoni ġdida*** ta' ***forza diplomatika*** u ***kummerċjali, li mingħajrha ma jkollniex il-mezzi biex niddefendu d-demokrazija*** kontra ***dawk il-potenzi li jiċħduha jew li jiddevjaw minnha***;	2. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha ***jrawmu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem globalment***, ***billi jsaħħu l-multilateraliżmu u jibnu sħubijiet u koalizzjonijiet aktar b'saħħithom,*** ta' ***benefiċċju reċiproku*** u ***ugwali bħala mezz ta' difiża tad-demokrazija*** kontra ***tendenzi awtoritarji u prattiki totalitarji***;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Unjoni Ewropea ***tifforma***, ***flimkien*** ma' ***dawk il-pajjiżi terzi li jikkondividu l-valuri universali tad-demokrazija***, ***koalizzjoni***, ***l-"Alleanza demokratika"***, li ***taħdem*** biex ***tiddefendi d-demokrazija*** u ***tikkoopera fil-livell*** internazzjonali; ***jissottolinja li l-***"***koalizzjoni tal-partijiet disposti***" ***twitti t-triq għall-istabbiliment ta' din l-Alleanza***;	3. Jistieden lill-Unjoni Ewropea ***żżid l-appoġġ tagħha għall-istituzzjonijiet u l-oqfsa multilaterali eżistenti, bis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti fiċ-ċentru tagħha***, ***u taħdem*** ma' ***pajjiżi tal-istess fehma biex tavvanza u tiddefendi d-demokrazija***, ***issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u tippromwovi r-rispett għad-dritt internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u ssostni r-rwol tal-QKI bħala pilastru ewlieni tal-qafas internazzjonali tal-istat tad-dritt***, ***fid-dawl ta' attakki serji fuq il-mandat u l-missjoni tagħha***, ***filwaqt*** li ***tirrikonoxxi l-importanza tal-ġustizzja internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, għall-obbligu ta' rendikont u għall-paċi dejjiema fil-pajjiżi sħab; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu xieraq mill-istrumenti legali disponibbli tal-UE, inkluż l-istatut ta' mblukkar, biex tiġġieled is-sanzjonijiet barranin kontra l-QKI u tiżgura l-kontinwità u l-effettività tal-appoġġ tal-UE għall-mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali; itenni l-appoġġ tiegħu għall-ispinta tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-***"***paċi fid-dimensjonijiet kollha tagħha***" ***billi jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, tiġi approfondita l-ġustizzja soċjali, jiġu evitati l-kunflitti u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli***;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jistieden lill-UE ***taħdem mingħajr dewmien biex tippromwovi l-kożvilupp***	5. ***Ifakkar li l-Ewropa u l-Afrika huma interkonnessi mill-qrib permezz ta'***

mal-istati Afrikani u mal-Unjoni Afrikana***; ifakkar li min issa sal-2050, l-Afrika se jkollha popolazzjoni ta' żewġ biljuni u nofs u dawn in-nies se jkollhom bżonn impjieg sabiex ma jippruvawx jidħlu fl-Ewropa b'mod illegali; li dan il-kożvilupp se jkun iffaċilitat mil-lingwi li l-kontinenti tagħna jikkondividu; li l-kost finanzjarju*** u ***ambjentali tiegħu jkun ferm aktar baxx minn dak ta' kummerċ mal-Asja; u li l-Afrika hija l-futur tal-Ewropa kif l-Ewropa hija l-futur tal-Afrika***;	***sfidi u opportunitajiet globali kondiviżi;*** jistieden lill-UE ***tkompli tiżviluppa sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u ugwali*** mal-istati Afrikani u mal-Unjoni Afrikana ***bl-għan li ssir is-sieħeb ewlieni tal-Afrika fil-kummerċ, fl-investiment, fl-għajnuna għall-iżvilupp, fl-assistenza umanitarja, fil-paċi u fis-sigurtà, fl-enerġija u fit-trasformazzjoni diġitali***;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li l-UE għandha trawwem relazzjonijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma fil-kontinenti kollha; ifakkar fl-isforzi tal-UE biex tippromwovi u tipproteġi d-demokrazija u biex issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC) u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN);

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jisħaq li l-kooperazzjoni esterna tal-UE għandha tkun iggwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jixtieq li l-UE jkollha għad-dispożizzjoni tagħha radju, sit web*** u ***televiżjoni multilingwi****, **"Il-vuċi tal-Ewropa", li jippermettulha tinstema'*** madwar id-dinja***; jissottolinja li l-baġits u l-kapital uman neċessarji huma disponibbli, peress li diversi Stati Membri diġà qegħdin, u ilhom, jiffinanzjaw servizzi awdjoviżivi ta' kwalità għolja b'appell internazzjonali; jitlob lill-Unjoni Ewropea ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-media u għall-ġurnaliżmu indipendenti lil hinn mill-fruntieri tal-UE, f'konformità mal-objettivi tat-tarka Ewropea għad-demokrazija;***	6. ***Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jżidu l-appoġġ tagħhom għall-media*** u ***l-ġurnaliżmu indipendenti****, **ħielsa u pluralistiċi*** madwar id-dinja ***sabiex jiġġieldu kontra l-pressjoni, it-theddid u l-attakki żejda; jitlob lill-UE tagħmel użu sħiħ mill-għodod ta' komunikazzjoni strateġika tagħha biex tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-indħil barrani, inkluż billi tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi stazzjon tar-radju, sit web*** u ***stazzjon televiżiv multilingwi biex tippromwovi l-valuri ewlenin tal-UE madwar id-dinja***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jiddenunzja r-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja, inkluż l-iżmuntar tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u l-attakki fuq id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem; jikkundanna bil-qawwa l-movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet li jfittxu li jimminaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u d-demokrazija;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jinsisti fuq il-ħtieġa ***li jiġi limitat***	8. Jinsisti fuq il-ħtieġa li ***jiġu***

b'mod strett l-infiq elettorali, nazzjonali u Ewropew fi ħdan l-UE sabiex id-demokrazija tagħha tkun waħda eżemplari fil-livell internazzjonali, filwaqt li d-dibattitu tal-ideat dwar ir-reklamar u l-kampanji qarrieqa li qed jintużaw dejjem aktar minn potenzi barranin jingħata prijorità; jissottolinja ***li din id-difiża tad-dinjità tad-dibattitu pubbliku trid tinkludi wkoll il-preservazzjoni, f'kull Stat Membru,*** ta' servizzi awdjoviżivi pubbliċi politikament newtrali li jipproduċu programmi u fiction ta' kwalità għolja;	***indirizzati d-diskors ta' mibegħda, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, in-narrattivi antidemokratiċi u l-indħil barrani fl-elezzjonijiet***; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, lid-delegazzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-edukazzjoni ċivika u l-isforzi biex jissaħħaħ il-litteriżmu diġitali u jiġi promoss aċċess sikur u ekwu għat-teknoloġiji diġitali, b'mod partikolari billi jittieħdu miżuri biex jingħalaq id-distakk diġitali bejn il-ġeneri u jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem online***; jissottolinja ***l-importanza*** ta' servizzi awdjoviżivi pubbliċi politikament newtrali li jipproduċu programmi u fiction ta' kwalità għolja;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-MOE tal-UE bħala strument ewlieni biex jiġu appoġġjati l-proċessi demokratiċi fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u biex jiġi żgurat li l-MOE tal-UE jibqgħu indipendenti, imparzjali u b'mandat u riżorsi xierqa matul iċ-ċiklu elettorali kollu, filwaqt li jipprevedu segwitu effettiv għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jipprovdu assistenza komprensiva lill-pajjiżi sħab ħalli jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni billi jappoġġjaw ir-riforma tal-ġudikatura u tal-amministrazzjoni pubblika, strateġiji effettivi kontra l-korruzzjoni u oqfsa legali, inkluż dwar l-informaturi u l-protezzjoni tax-xhieda;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iqis li hekk kif l-UE qed tafferma ruħha bħala attur fix-xena internazzjonali u qed tistabbilixxi difiża komuni, id-diplomazija Ewropea trid ***titmexxa minn korp politiku elett***; ***jissuġġerixxi li l-possibbiltà li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna isir parti mill-Kunsill Ewropew għandha tiġi kkunsidrata***;	11. ***Jissottolinja l-politika tal-UE li tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali; jissottolinja l-importanza tad-diplomazija preventiva; jiddispjaċih għat-tnaqqis baġitarju li jaffettwa lis-SEAE u jenfasizza l-impatt negattiv tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-azzjoni esterna, bħall-NDICI – Ewropa Globali u l-Global Gateway;*** iqis li hekk kif l-UE qed tafferma ruħha bħala attur fix-xena internazzjonali u qed tistabbilixxi ***politika ta'*** difiża komuni, id-diplomazija Ewropea trid ***tiġi żgurata fuq livell globali, inkluż permezz ta' preżenza qawwija ta' delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab***; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament suffiċjenti u prevedibbli lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex ikunu jistgħu jwettqu bis-sħiħ il-mandati tagħhom fl-oqsma tal-politika barranija, il-paċi u s-sigurtà, u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'konformità mat-Trattati u l-impenji internazzjonali tagħhom, u jżommu preżenza diplomatika b'saħħitha tal-UE madwar id-dinja***;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Ifakkar li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ***jipprevedi li l-Unjoni taħdem*** favur ***"żvilupp*** sostenibbli ***tal-Ewropa"*** u ***"ekonomija*** soċjali ***tas-suq kompetittiva ħafna***, ***intiża*** li ***twassal għal livell massimu ta' impjieg*** u ***progress soċjali"; jissottolinja li d-dibattiti ekonomiċi tal-UE għandhom għalhekk ikunu ċċentrati fuq kif l-aħjar tiġi żviluppata ekonomija tas-suq*** li ***tirrispetta l-ekwità soċjali u l-ambjent***, ***u li fiha l-awtoritajiet*** pubbliċi ***jiżvolġu r-rwol ta' arbitri***, ***kemm bejn terminu ta' żmien qasir*** u ***terminu ta' żmien twil kif ukoll bejn l-interessi tal-impjegati u tal-azzjonisti***; ***iqis*** li ***b'dan il-mod tiġi affermata l-identità proprja tal-UE***, ***dik ta' demokrazija soċjali***, u ***b'hekk terġa' tiġi stabbilita s-saħħa tal-konsensus demokratiku u soċjali definit min-Nazzjonijiet Uniti wara l-gwerra; iqis li l-affermazzjoni ta' din l-identità se tikkontribwixxi għall-prestiġju*** tal-Unjoni ***Ewropea fil-ħames kontinenti***, ***għad-difiża tagħha tad-demokrazija*** u ***tad-drittijiet soċjali, u se tagħti lok għal interess esponenzjali taċ-ċittadini tagħha fid-dibattiti tal-Kunsill u tal-Parlament***;	12. Ifakkar li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ***jimpenja lill-Unjoni*** favur ***l-iżvilupp*** sostenibbli u ***l-ġustizzja*** soċjali, li ***min-naħa tagħhom jirrikjedu politiki ekonomiċi*** u ***oqfsa ta' kooperazzjoni*** li ***jnaqqsu l-inugwaljanzi***, ***jipprevedu aċċess universali għas-servizzi*** pubbliċi, ***isaħħu l-protezzjoni soċjali*** u ***jippromwovu żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u inklużiv madwar id-dinja***; ***jissottolinja*** li ***dan l-approċċ soċjali***, ***iffukat fuq l-iżvilupp***, u ***bbażat fuq id-drittijiet huwa essenzjali għas-salvagwardja tal-governanza demokratika, għat-tisħiħ tal-kredibbiltà globali*** tal-Unjoni, u ***għall-mitigazzjoni tat-tensjonijiet soċjoekonomiċi li jistgħu jalimentaw il-populiżmu u jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni elettorali aktar baxxa***;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li l-libertà akkademika ***hija essenzjali għat-tagħlim*** u ***r-riċerka***; ***jitlob li l-UE tipprovdi ruħha bil-mezzi biex issir iċ-ċentru ta' riċerka ewlieni fid-dinja, li tiddefinixxi prijoritajiet komuni*** għal ***dan***	14. Ifakkar li l-libertà akkademika ***u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet edukattivi huma prinċipji fundamentali għal demokraziji li jiffunzjonaw sew*** u ***reżiljenti***; ***jistieden lill-UE tipproteġi l-***

il-għan u ***li tikkonċentra l-isforzi kollha tagħha f'reġjun speċifiku li jinsab fil-fruntieri ta' diversi Stati Membri***, ***biex toħloq istituzzjonijiet ta' tagħlim superjuri*** u ***kampusijiet pan-Ewropej ta' eċċellenza u biex fihom tlaqqa' flimkien l-istituzzjonijiet attwali*** u ***futuri kollha tad-difiża komuni tagħha***, ***matriċi essenzjali tar-riċerka xjentifika***;	***libertà akkademika u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet edukattivi madwar id-dinja; ifakkar li l-investimenti kollha tal-UE fl-edukazzjoni jridu jkunu ggwidati mill-prinċipji ewlenin tal-ekwità u l-inklużjoni; jappella*** għal ***aktar skambji edukattivi*** u ***ta' riċerka bejn iż-żgħażagħ mill-UE u minn pajjiżi mhux tal-UE biex jinħoloq fehim reċiproku akbar u rabtiet aktar b'saħħithom***, ***li huma essenzjali għal sħubija dejjiema u ugwali, demokrazija*** u ***żvilupp sostenibbli; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni li żżid il-baġit ta' Erasmus+ b'madwar 50 % għall-perjodu 2028–2034*** u ***jitlob espansjoni sinifikanti tal-programmi tal-UE***, ***bħal Orizzont Ewropa u l-Iskema ta' Mobbiltà Akkademika Intra-Afrika***;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza r-rwol essenzjali tad-diplomazija parlamentari fl-għoti ta' appoġġ lill-parlamenti demokratiċi u lill-parlamenti fi tranżizzjoni demokratika; jitlob li tissaħħaħ id-diplomazija parlamentari tal-Parlament sabiex tinbena l-fiduċja, jiġu żviluppati rabtiet aktar mill-qrib, jissaħħaħ id-djalogu politiku mal-korpi tat-tfassil tal-liġijiet tal-pajjiżi sħab, u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki dwar it-trasparenza, il-governanza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u b'hekk tiġi kkonsolidata l-pożizzjoni tal-UE bħala promotur globali għad-demokrazija, għall-paċi u għad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1 (ġdida) (wara paragrafu 14a (ġdid))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli biex tissaħħaħ id-demokrazija

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar li d-demokrazija hija pedament tal-iżvilupp sostenibbli, peress li tiżgura l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, li flimkien jikkontribwixxu għall-kisba ta' żvilupp uman, soċjali, ekonomiku u ambjentali fit-tul;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jissottolinja li d-demokrazija għandha rwol fundamentali fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG 10 dwar it-tnaqqis fl-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi u fosthom, u l-SDG 16 dwar il-promozzjoni tal-paċi, tal-ġustizzja u ta' istituzzjonijiet b'saħħithom; jisħaq li l-implimentazzjoni tal-SDG 16 għandha tkun prijorità fil-politiki kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, peress li soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi, sostnuti minn istituzzjonijiet b'saħħithom, trasparenti u responsabbli, huma prerekwiżiti fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli, għat-tnaqqis fl-inugwaljanzi u għall-qerda tal-faqar;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Jisħaq li organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) indipendenti u pluralistiċi, li jinkludu atturi bbażati fil-komunità u entitajiet ibbażati fuq il-fidi, huma atturi ewlenin għall-governanza tajba u l-iżvilupp, u huma essenzjali għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija, tal-paċi u tal-istabbiltà fil-pajjiżi sħab; jissottolinja li l-OSĊ huma sħab ewlenin fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politiki, il-programmi u l-proġetti tal-UE fl-oqsma prijoritarji kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE; jisħaq li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-organizzazzjonijiet tan-nisa, peress li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija indispensabbli biex jiġu żgurati demokraziji inklużivi u reżiljenti;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14e. Jitlob lill-UE tkompli tippromwovi ambjent sikur u abilitanti għall-atturi tas-soċjetà ċivili u tkompli tappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Pjan ta'Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020–2027; ifakkar li l-appoġġ għad-demokrazija, b'mod partikolari permezz ta'appoġġ għas-soċjetà ċivili, għandu jiġi integrat b'mod effettiv fil-programmi kollha tal-NDICI – Ewropa Globali filwaqt li jiġu adattati għal kuntesti u prijoritajiet lokali;

	jissottolinja li l-programm tematiku għall-OSĊ huwa l-uniku programm fl-ambitu tal-NDICI – Ewropa Globali b'mandat ċar ibbażat fuq l-atturi mmirat lejn it-tisħiħ tal-OSĊ bħala atturi kompletament indipendenti ta' governanza tajba u żvilupp; għaldaqstant jitlob li jiġi implimentat f'komplementarjetà sħiħa ma' programmi ġeografiċi u programmi tematiċi oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lid-delegazzjonijiet tal-UE jkomplu jinvolvu ruħhom mas-soċjetà ċivili indipendenti u pluralistika, isaħħu l-appoġġ għaliha u jirrikonoxxu l-kontribut tagħha, inklużi l-OSĊ ta' bażi u l-atturi lokali, bħala sħab fdati b'rabtiet b'saħħithom mal-komunitajiet lokali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lid-delegazzjonijiet tal-UE jsaħħu d-djalogu strutturat u l-kooperazzjoni mal-OSĊ, b'rispett sħiħ tal-prinċipji nazzjonali tas-sjieda u tal-effikaċja tal-iżvilupp;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14f. Iħeġġeġ lill-UE tapprofondixxi l-impenn tagħha biex tindirizza l-ispazju ċiviku li qed jiċkien u biex trawwem ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili, kif previst fil-programm tematiku għall-OSĊ, permezz ta' impenji ta' politika msaħħa u billi tieħu passi sinifikanti kemm globalment kif ukoll f'pajjiżi sħab; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa urġenti ta' appoġġ akbar tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għall-ġurnalisti li qed jiffaċċjaw l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji ta' sorveljanza diġitali, software ta' spjunaġġ, kampanji ta' diżinformazzjoni, intimidazzjoni, rappreżalji jew kriminalizzazzjoni, u jfakkar li dan l-appoġġ jista' jiġi pprovdut permezz ta' mezzi bħal mekkaniżmi ta'

	finanzjament iddedikati u ta' rispons rapidu; jitlob, fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-UE, li jiġu rduppjati l-isforzi fil-ġlieda kontra t-trażżin diġitali tal-atturi demokratiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jinkludu garanziji aktar b'saħħithom fil-ftehimiet internazzjonali fir-rigward tal-ispazju ċiviku, tat-trasparenza u tal-inklużjoni, u jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti u stretta tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14g. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi ta' koordinazzjoni biex jindirizzaw il-ħtiġijiet globali għall-appoġġ għad-demokrazija, sabiex jimmassimizzaw l-impatt tal-azzjonijiet tagħhom fi żmien ta' tnaqqis fil-baġits għall-iżvilupp madwar l-UE u tnaqqis fl-għajnuna globali; jistieden lill-UE tiffoka l-appoġġ għall-iżvilupp tagħha relatat mad-demokrazija fuq oqsma fejn tista' tagħmel titjib tanġibbli u viżibbli għaċ-ċittadini, u b'hekk issaħħaħ il-fiduċja fil-governanza demokratika u tiġġieled in-narrattivi li jfittxu li jimminaw is-sistemi demokratiċi;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14h. Jisħaq li l-appoġġ tal-UE għad-demokrazija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandu jkun marbut mill-qrib mat-tishiħ tal-kapaċità istituzzjonali, inklużi l-

	amministrazzjoni pubblika effettiva, l-aċċess għall-ġustizzja u l-ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi, li jikkostitwixxu pedamenti essenzjali biex jiġu żgurati governanza responsabbli, il-fiduċja taċ-ċittadini u l-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-UE tikkollabora mal-istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali biex tappoġġja r-riformi istituzzjonali u l-oqfsa ta' governanza tajba;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14i. Jitlob li l-istrument Ewropa Globali li jmiss jibni fuq il-punti b'saħħithom tal-NDICI – Ewropa Globali attwali billi jiżgura dimensjoni b'saħħitha tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'approċċ ta' żvilupp sostenibbli bbilanċjat, integrat u orjentat lejn ir-riżultati; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni m'għandhiex programm tematiku speċifiku u miri ta' nfiq għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda li d-demokrazija tiġi rikonoxxuta bħala assi strateġiku fl-istrument Ewropa Globali li jmiss u bħala prijorità trażversali fil-programmi ġeografiċi u tematiċi kollha; jisħaq, f'konformità mal-objettivi tal-politika esterna tal-UE, li l-imminar tal-appoġġ għad-demokrazija jdgħajjef il-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza b'mod effettiv l-isfidi ġeopolitiċi u tal-iżvilupp u li tilħaq l-objettivi esterni l-oħra tagħha, u joħloq spazju għall-atturi destabbilizzanti biex jespandu l-influwenza tagħhom; iqis li r-riżorsi allokati għall-MOE tal-UE jridu jiġu salvagwardjati kif xieraq u definiti b'mod ċar fl-istrument futur Ewropa Globali;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14j. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, tkompli ssaħħaħ il-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp immirati lejn l-appoġġ ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab, bħala pilastru integrali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iċċentrata fuq in-nies u bbażata fuq id-drittijiet; jissottolinja li soċjetà ċivili indipendenti, responsabbli u pluralistika għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, fit-trawwim tal-governanza parteċipattiva, fit-titjib tat-trasparenza, tal-obbligu ta' rendikont u tal-koeżjoni soċjali, u fit-tisħiħ tar-reżiljenza soċjetali u demokratika, inkluż kontra prattiki awtoritarji li jimminaw l-eżiti tal-iżvilupp sostenibbli; jitlob li jiġi ggarantit finanzjament fit-tul, aċċessibbli u flessibbli fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, b'mod partikolari permezz tal-istrument Ewropa Globali, biex jiġu appoġġjati inizjattivi ta' żvilupp immexxija lokalment u jiġu permessi reazzjonijiet f'waqthom għar-riskji li jaffettwaw il-libertajiet fundamentali u l-parteċipazzjoni demokratika u jimminaw l-effettività tal-iżvilupp;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14k. Jinnota li l-istrateġija Global Gateway hija maħsuba mhux biss bħala għodda ta' investiment, iżda wkoll bħala

mezz biex jitrawmu l-paċi u l-istabbiltà fit-tul; jenfasizza li billi tindirizza l-kawżi ewlenin tal-fraġilità permezz ta' investiment inklużiv u sostenibbli fl-infrastruttura, l-edukazzjoni u s-saħħa, din l-istrateġija tista' ssaħħaħ il-governanza tajba, ir-reżiljenza demokratika u l-koeżjoni soċjali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kunflitti u s-sigurtà globali; jitlob bil-qawwa li d-demokrazija, flimkien mal-istat tad-dritt, mad-drittijiet tal-bniedem u mal-iżvilupp sostenibbli, iridu jkunu sistematikament integrati bħala l-pedament tal-proġetti kollha tal-Global Gateway, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tal-istrateġija dwar il-valuri demokratiċi, il-governanza tajba u s-sħubijiet ta' żvilupp dejjiema;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14l. Jisħaq li kuntesti fraġli u affettwati minn kunflitti jirrikjedu attenzjoni speċjali u strateġija ddedikata tal-UE;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14m. Jissottolinja l-ħtieġa li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-governanza demokratika jiġu integrati fl-azzjoni esterna kollha tal-UE u li dawn l-objettivi jiġu segwiti permezz ta' approċċi li jtejbu l-effettività, is-sostenibbiltà u l-impatt fit-tul fil-pajjiżi sħab; jistieden lill-Kummissjoni tkompli

	bl-appoġġ tekniku u finanzjarju tagħha għal organizzazzjonijiet immexxija minn nisa u miż-żgħażagħ biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fi proċessi demokratiċi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ u l-GAP III; jappella għal azzjoni aktar b'saħħitha biex jiġu miġġielda l-movimenti kontra l-ġeneru, u biex l-UE tappoġġja mekkaniżmi ta' protezzjoni, finanzjament flessibbli u viżibbiltà għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem mhedda madwar id-dinja;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14n. Jiddispjaċih għall-fatt li mit-tnedija tal-GAP III, 3,8 % biss tal-azzjonijiet kollha reattivi għall-kwistjonijiet tal-ġeneru, u mmirati lejhom, għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali; jitlob li l-impatt u l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE jissaħħu f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tal-anqas 85 % tal-azzjonijiet esterni l-ġodda kollha jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali u li 20 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'kull pajjiż tiġi allokata għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettivi prinċipali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi adottat GAP IV; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw 5 % tal-għajnuna li jipprovdu f'kuntesti fraġli u affettwati minn kriżijiet lill-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa permezz ta' finanzjament flessibbli u fit-tul, f'konformità mal-prinċipji umanitarji u ta' żvilupp;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14o. Jistieden lill-UE tiżgura li l-programmi ta' żvilupp li jindirizzaw il-faqar, il-qgħad u l-esklużjoni ekonomika persistenti, id-disparitajiet territorjali bejn iż-żoni urbani, rurali u remoti li jaffettwaw l-aċċess għas-servizzi, l-opportunitajiet u l-għajxien fil-pajjiżi sħab, kif ukoll sistemi tal-ikel reżiljenti u l-iżvilupp rurali, jiġu integrati bis-sħiħ fl-approċċ usa' tagħha għall-appoġġ tad-demokrazija; jenfasizza li l-iżvilupp ekonomiku inklużiv, il-ħolqien tal-impjiegi u l-aċċess għal għajxien sostenibbli huma muturi ewlenin tar-reżiljenza demokratika;

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14p. Jenfasizza li l-governanza demokratika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija partikolarment vulnerabbli matul perjodi ta' kriżi, inklużi emerġenzi tas-saħħa, diżastri relatati mal-klima u xokkijiet tal-ikel jew tal-enerġija, peress li dawn jaggravaw l-inugwaljanzi, l-ispostament u l-iskarsezza tar-riżorsi; jistieden lill-UE tintegra miżuri ta' reżiljenza sensittivi għad-demokrazija fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, sabiex tippreserva l-fiduċja pubblika, il-kontinwità istituzzjonali u l-istabbiltà soċjali fi żminijiet ta' kriżi;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni

tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	17.3.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 –: 4 0: 0

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

14	+
PPE	Rosa Estaràs Ferragut, Niels Geuking, Norbert Lins, Lukas Mandl, Liudas Mažylis
Renew	Valérie Devaux, Charles Goerens
S&D	Robert Biedroń, Udo Bullmann, Murielle Laurent, Leire Pajín, Marco Tarquinio
The Left	Damien Carême
Verts/ALE	Erik Marquardt

4	-
ECR	Kristoffer Storm
ESN	Marc Jongen
PfE	Mireia Borrás Pabón, György Hölvényi

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni